# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-36 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

36.01 **Talba**

36.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

36.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

36.02.01 Is-S.E. nforma li kien ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

36.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 35**

36.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 35 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Zaffarese ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

36.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

36.04.01 Is-Sindku nforma li gie nfurmat li l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija ser issir fl-1 ta' Frar. Għandna nirċievu komunikazzjoni uffiċċjali.

36.04.02 Is-Sindku nforma li fil-ġranet li ġejjin għandu jkollna *demo* tal-App tal-Kunsill li qed tinbena minn Maurice Aquilina.

36.04.03 Is-Sindku nforma li l-iSqaq ta' ħdejn iċ-Ċimiterju u triq li tagħti għal Ħal Millieri għandhom jitlestew sa l-aħħar ta' dan ix-xahar.

36.04.04 Is-Sindku spjega li flimkien mas-S.E. kellu laqgħa mal-Perit M. Briffa minn IM rigward il-bankina ta' Triq K. Ciantar. Huwa qal li ma hemmx *issues* bil-wisgħa tal-bankina però jista' jkun hemm xi *issues* in-naħa ta' fuq tat-triq fejn hemm diżlivell bejn il-bankina u xi parapetti però irridu naraw max-xogħol. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib l-ispiża tal-fanali mill-UIF.

36.04.05 Rigward il-fatt li l-Imqabba issa ġiet tagħmel mal-Għassa taż-Żejtun u mhux iktar mal-Għassa taż-Żurrieq, is-Sindku spjega li kienet ser issir laqgħa mal-Ispettur il-ġdid nhar it-Tnejn li ġej. Huwa qal ukoll li s-Sindki tat-3 lokalitajiet affettwati mill-bidla fid-distretti kienu tkellmu mal-President tal-AKL u għandha ssir laqgħa mal-Assistent Kummissarju dwar dan.

36.04.06 Is-Sindku nforma li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet approvat id-DNO sabiex tikber il-kamra li hemm fil-Ġnien ta' Misraħ Ġublew tad-Djamanti u x-xogħol mistenni jibda fil-ġranet li ġejjin.

36.04.07 Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni tagħna sabiex issir banda li takkomoda *wheelchair* fi Ġnien Tfal ir-Raħal kienet ġiet approvata u l-Kunsill kien ser jingħata €5,000. Huwa qal li l-preżentazzjoni għandha ssir it-Tnejn 28 ta' Jannar. Ġie unanimament deċiż li jsiru fanali ġodda kif ukoll li jinġiebu *quotations* sabiex isiru CCTV fi Ġnien Tfal ir-Raħal, Ġnien Onġi Onġella, Ġnien Ġublew tad-Djamanti u l-Pjazza.

36.04.08 Is-Sindku nforma li fil-ġranet li ġejjin, *Parks Malta* għandhom ikellmuna dwar l-*Open Space* tal-Barriera fi Triq il-Qrendi.

36.04.09 Is-Sindku nforma li konna applikajna ma TM sabiex jerġgħu isiru *Sleeping Policeman* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq Karmenu Ciantar u Triq San Bażilju.

36.04.10 Rigward il-problema tal-ħamiem, wara diskussjoni ġie deċiż li jsir ħasil ta' Triq il-Fjuri u l-akkwati kif ukoll ninistu dwar preżenza iktar regolari tal-kennies. Ġie deċiż ukoll li jsir *trapping* tal-istess ħamiem.

36.04.11 Rigward il-*One Way* fi Triq Ħal Kirkop, ġie deċiż li nitolbu lil TM sabiex din tingħalaq minn aktar il-fuq minn fejn ġie approvat sabiex jinkludi t-toroq Katakombi, Murselli u Mentna.

36.04.12 Is-Sindku nforma li l-ewwel laqgħa tal-Regjun tal-Punent kienet ser issir fit-28 ta' Jannar.

36.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

36.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-*bollards* tal-*plastic* li kellhom isiru fi Triq Ħal Kirkop. Is-S.E. informa li kien għadu qed jistenna ritratt li jindika l-post eżatt u l-Kunsillier Dingli wiegħed li ser jibgħat ir-ritratt fil-ġranet li ġejjin.

36.05.02 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsir ħadid (*railing*) mal-konok fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sabiex jiġi evitat li l-klieb iħammġu fl-istess konok. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan is-suġġeriment kien ser jiswa ħafna flus u minflok ġie issuġġeriet li naraw kemm jiġi kieku kellna nagħmlu ċagħaq jew *bark chips*.

36.05.03 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar siġra kbira li hemm fir-*roundabout* ta' Misraħ Ġublew tad-Djamanti peress li qed tegħleb. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur kien ser jagħmel is-*support* tal-injam fil-ġranet li ġejjin.

36.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa għal *update* dwar il-ħadid mad-dawra ta' Ġnien Mikelanġ Sapiano u s-S.E. informa li dan għandu jitlesta din il-ġimgħa. Ġie deċiż li niċċekkjaw ma' Starlite ta' San Ġwann jekk għadux jagħmel funtani u jekk iva nġibu stima.

36.05.05 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar il-bżonn li jitranġaw it-toqob tal-festi li hemm fil-Pjazza u s-Sindku nforma li l-Perit Julian Borg kien qed jieħu ħsieb din il-materja.

36.05.06 Il-Kunsillier Sicberras talab *update* dwar id-*drop-kerb* li kellha ssir quddiem *garage* fi Triq Valletta. Is-S.E. informa li kien għadu qed jistenna lil-Kuntrattur jiġi fuq il-post sabiex nieħdu parir mingħandu.

36.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-ħajt tas-sejjieħ li hemm fl-istess triq u s-Sindku nforma li dan kien ser jinbena dalwaqt.

**Il-Viċi-Sindku ħalliet il-laqgħa minħabba mpenji personali fis-5.45 pm**

36.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għal *update* rigward ilma li qed jinġabar fi Triq San Bażilju meta tagħmel ix-xita. Kien hemm qbil li nerġgħu inkellmu lill-PWD dwar dan il-każ.

36.05.09 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar il-*bicycle stands* u s-S.E. informa li kien għadu qed jistenna *quotation* oħra.

36.05.10 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba mingħand xi sidien tal-ħwienet sabiex ikun hemm reċipjent kbir li fih ikunu jistgħu jintremgħu il-fliexken tal-ħġieġ. Kien hemm qbil li nkellmu lill-Greenpak dwar il-każ peress li jista' jkun hemm *issue* sabiex dan jitbattal.

36.05.11 Il-Kunsillier Sciberras talab għal *update* dwar il-Ħajt tal-Matla u s-Sindku nforma li kien reġa' bgħat *reminder* aktar kmieni llum stess sabiex naraw meta dan ser jissewwa.

36.05.12 Il-Kunsillier Zaffarese lmenta dwar problema ta' drenaġġ fi Triq G. Darmanin. Kien hemm qbil li nkellmu lil IM sabiex naraw hux possibbli li din it-triq titwessa sabiex tissolva din il-problema.

36.05.13 Il-Kunsillier Zaffarese lmenta dwar ammont ta' ġebel li tħalla fi Triq G. Martin. Huwa għandu jibgħat xi ritratti li jindikaw il-post eżatt sabiex inkunu nistgħu naraw kif nistgħu nieħdu azzjoni dwarhom.

36.05.14 Il-Kunsillier Zaffarese ikkummenta dwar l-ikel li kien qed jitqassam mill-Kunsill taħt l-iskema LC Care u qal li filwaqt li l-*feeders* kienu kuntenti b'dak li għamel il-Kunsill, personalment kellu dubju dwar xi *feeders* li rreġistraw meta saru jafu li qed jitqassam l-ikel. Ġie deċiż li għandu jsir eżerċizzju sabiex nikkonfermaw li dawk irreġistrati mal-Kunsill huma *feeders* ġenwini.

36.06 **SPI.SCI.9.2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022**

36.06.01 Saret diskussjoni dwar is-suġġett għalkemm is-S.E. fakkar li konna daqsxejn tard sabiex inlaħħqu ndaħħlu applikazzjoni li tkun tinkludi dak kollu mitlub. Kien hemm qbil li għandna nesploraw il-possibilità li jsiru attivitajiet bħal ma kien sar xi żmien ilu bit-tema l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien. Għal dan il-għan kien hemm qbil li għandna nippruvaw inġibdu xi stimi sabiex is-soċjetajiet itellgħu xi *stalls* u jkun hemm wirjiet tal-ġebel eċċ. kif ukoll li jinfetaħ il-katakombi u jsir tindif tax-xelter sabiex ikunu jistgħu jibdew iżuruh in-nies. Bħala perjodu ta' żmien kien hemm qbil li dan ghandu jkun viċin Jum l-Imqabba f'Ottubru.

36.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

36.07.01 Korrispondenza mingħand Ambjent Malta dwar 2022 *Urban Greening Scheme for Local Councils*. Ġie deċiż li naraw jekk hux possibbli li ninkludu l-Gnien ta' fuq il-Ġibjun u għalhekk kien hemm qbil li għandna nkellmu lid-*designer* kemm jista' jkun malajr.

36.07.02 Korrispondenza SPI.SCI.1.2022 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Ġie deciz li l-Kunsill ghandu japplika ghal Gnien Ongi Ongella sabiex jinbidlu l-bandli, jsir *safety mat* ġdid kif ukoll fence fejn hemm bżonn.

36.07.03 Ċirkolari Cir AKL 2022/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jġedded din il-polza ta' assigurazzjoni għal sena oħra.

36.07.04 Ċirkolari Cir AKL 2022/003 *Personal Accident Policy*. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsillieri għandhom jiġu nklużi f'din il-polza ta' assigurazzjoni.

36.07.05 Ċirkolari 01/2022 mid-Dipt. għall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022. Il-Kunsill innota ż-żieda li kien hemm fl-allokazzjoni tagħna għal din is-sena. Kien hemm qbil li għandhom jinħarġu t-*Tenders* tal-*Bulky Refuse* u tas-Servizz ta' Perit.

36.07.06 Korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn ġie ippreżentat is-*survey* li sar tal-uffiċini preżenti. Is-S.E. informa li fil-ġranet li ġejjin, il-periti tal-Kunsill għandhom jerġgħu jiġu fuq il-post sabiex jindikawlna eżatt x'hemm bżonn isir u jekk dan jistax isir minħabba l-fatt li l-bini huwa wieħed skedat.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

36.07.07 *Statement* mingħand Asfaltar fejn komplew jiżdiedu l-interessi fuq l-ammont li għadu pendenti. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-Kumpanija sabiex nippruvaw nilħqu ftehim dwar tnaqqis fl-interessi dovuti u b'hekk ikun jista' jsir il-pagament.

36.07.08 Korrispondenza mid-Dipt. għall-Gvern Lokali dwar Fondi tal-Unjoni Ewropea għal xogħlijiet fuq toroq rurali – Miżura 4.3. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

36.08 **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022**

36.08.01 Peress li kopja ta' dawn l-Estimi Finanzjarji kienet tqassmet lill-Kunsillieri minn qabel, dan ġie approvat unanimament. Is-S.E. informa li verżjoni finali kienet tinkludi l-ammont allokat lill-Kunsill għas-sena 2022.

36.09 ***Performance Bonus* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

36.09.01 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-*Performance Bonus* tas-S.E. u taż-żewġ skrivani. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li dawn għandhom jingħataw l-ammonti massimi li tippermetti l-liġi. Is-S.E. irringrazzja lill-Kunsill f'ismu u f'isem l-istaff.

36.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/36**

36.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/36 ġiet approvata unanimament.

36.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Diċembru 2021 ġiet approvata unanimament.

36.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

36.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 24 ta' Frar fl-4:30 pm

Konfermati illum il-Ħamis 24 ta' Frar 2022.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv